Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-24 ta' Marzu, 2003

Numru 64/2003

**Artikoli 298 B u 298 (1), 49, 50**
**tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta**
**u l-Avviz Legali 120/1992**

**Il-Pulizija**
**Spettur Edel Mary Camilleri**

v

**KENNETH CORDINA**

**Seduta ta' llum, 24 ta' Marzu, 2003**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **KENNETH CORDINA** ta' disgha w ghoxrin sena bin Publius u Veronica nee Pace imwieled Pieta` nhar is-sittax ta' Jannar 1973 u residenti 'Picadilly', Flat 2,

Triq San Bert, Gzira detentur tal-karta tal-identita` numru 116273M gie imressaq quddiemha akkuzat;

1. Talli fit-tmintax ta Dicembru 2002 u f'dati precedenti fl-Imsida, iffalsifika, jew biddel, minghajr l-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh jew prodott ta' industrija jew manifattura, jew xjentement ghamel uzu ta' sinjali, tabelli jew emblemi li jkun fihom indikazzjoni li tista tqarraq lix-xerrej dwar x-xorta tal-merkanzija jew biegh tali merkanzija jew xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghall-hsieb tal-kummerc merkanzija b’marka, sinjal jew emblema mxebbhin b’qerq.
2. Talli bi qliegh jew bi skop ta’ kummerc stampa, mmanufattura, dduplika jew b’mod iehor ipproduca jew ikkopja jew biegh, qassam jew b’mod iehor offra ghall-bejgh jew biex titqassam minn post jew minn gewwa post li huwa kopert b'licenzja jew bhala parti minn attivita koperta b'tali licenzja, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur ta’ jheddijiet li johorgu mill-jeddijiet tal-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil/jew taht il-ligi ta’ Malta.
3. Talli sar recidiv ai termini tal-artikolu 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati diversament preseduta datata disgha w ghoxrin ta' Settembru 2001.

Il-Qorti rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali datat tnejn u ghoxrin ta’ Jannar, 2003 esebit fl-atti u mmarkat dokument CSH 2 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata waqt l-esami li sar skond l-artikolu 370 (4), 390 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Marzu 2003 u ghalhekk fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhix triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Semghet lil imputat jiddikjara li m'ghandhux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita.

Il-Qorti wisset lill-istess imputat b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u taghtu ftit

taz-zmien biex jekk ried setgha jerga lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu giet registrata fl-atti ta’ din il-kawza fl-istess seduta tal-erbgha w ghoxrin ta' Marzu 2003 u dana fil-prezenza tal-avukat difensur tieghu.

Illi ghalhekk rinfaccjata b’ammissjoni volontarja, espressa w inkondizjonata da parti tal-imputat, hija sodisfatta li l-imputat ghandu jinstab hati tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu.

Il-Qorti qieset ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz u cioe` li fil-proceduri odjerni gew esibiti biss erbgha video casettes misjuba ghand l-imputat u konsegwentement n-numru ta' esebiti l-Qorti huwa *de minimis*.

Rat l-fedina penali tal-imputat esebita f’dawn l-atti markata bhala dokument CSH 1 li mhix wahda reflettarja.

Rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikoli 298(1) u 298B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Avviz Legali 120/1992 u l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Illi ghalhekk l-Qorti wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikoli 298(1) u 298B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Avviz Legali 120/1992 u l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li qed issib lill-imputat KENNETH CORDINA hati tal-akkuzi kollha kif addebitati fil-konfront tieghu u tikkundannah ghall-hlas ta’ multa ta’ mitt lira maltin, liema multa ghandha tithallas sa mhux aktar tard mill-hmistax [15] ta' April 2003.**

**Inoltre ai termini tal-artikolu 23 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tordna l-konfiska tal-erbgha [4] video casettes esebiti f'dawn l-atti mill-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Edel Mary Camilleri.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------